**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 38/2022/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Mohammed Kouruma**

Illum 25 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Mohammed Kouruma**, detentur tad-Dokument tal-Immigrazzjoni (maħruġ mis-*Central Immigration Office* tal-Pulizija ta' Malta) bin-Numru CIO 67319 u bin-Numru tal-Immigrazzjoni O4QQ-016, li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-Ewwel (1) Kap**
**Assoċjazzjoni għall-importazzjoni, bejgħ jew traffikar ta' mediċini perikolużi (kokajina u herojina)**

**Talli fil-lejl ta' bejn it-tletin (30) u l-wieħed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fl-erbatax (14)-il xahar ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (kokajina u herojina) kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.**

<u>It-Tieni (2) Kap</u>
<u>Pussess aggravat ta' mediċina perikoluża (herojina)</u>

**Talli fil-lejl ta' bejn it-tletin (30) u l-wieħed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fl-erbatax (14)-il xahar ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-Raba' (4) u tas-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor awtorizzat b'liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), u dan bi ksur ta' l-istess Regolamenti kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Mohammed Kouruma ppreżentata fis-17 ta' Marzu 2023.[1]

3. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-4 ta' Diċembru 2024[2] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Mohammed Kouruma.

4. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

5. Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2024, kemm lill-konsulent legali tal-akkużat u kif ukoll lill-konsulent legali mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni għall-fatt li qabel il-Ġudikant sedenti ta' din il-Qorti ġie elevat għal Imħallef għamel xi żmien (bħala Maġistrat) jisma' l-kumpilazzjoni kontra l-akkużat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

6. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

7. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jeċepixxi n-nullita' tal-Att tal-Akkuża u konsegwentement in-nullita' tal-atti tal-proċeduri u dana minħabba li jargumenta li din ma ġietx ippreżentata fit-terminu ta' xahar mill-ġurnata minn meta l-Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-proċeduri hekk kif rikjest f'Artikolu 432(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li mill-atti proċesswali (fejn jagħmel riferenza għal *a fol.* 837) jirriżulta li fid-9 ta' Jannar 2017 l-Avukat Ġenerali ppreżenta Rikors fejn talab proroga ta' ħmistax-il ġurnata, liema talba jisħaq li ma ġietx milqugħa u li għalhekk l-Att tal-Akkuża u l-proċeduri sussegwenti huma nulli u bla effett. Jisħaq li dan jgħodd ukoll fir-

[1] *A fol.* 104 *et seq.*
[2] *A fol.* 108 *et seq.*

rigward ta' Rikors ieħor li sar mill-Avukat Ġenerali fl-10 ta' Mejju 2019 (fejn jagħmel riferenza għal dak li hemm wara bejn *a fol.* 1021 u 1022).

8. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tinnota li l-akkużat jagħmel riferenza għal żewġ Rikorsi tal-Avukat Ġenerali fejn jgħid li wieħed ġie ppreżentat fid-9 ta' Jannar 2017 u li skont hu jinsab *a fol.* 837 u li l-ieħor ġie ppreżentat fl-10 ta' Mejju 2019 u li skont hu jinsab bejn *a fol.* 1021 u 1022.

9. Illi dwar l-ewwel Rikors li skont l-akkużat jinsab *a fol.* 837, din il-Qorti jirriżultalha li *a fol.* 837 hemm Rikors tal-Avukat Ġenerali li jirriżulta li ġie ppreżentat fl-14 ta' Diċembru 2012 u li bl-ebda mod ma jirriżulta li ġie ppreżentat fid-9 ta' Jannar 2017 kif qal l-akkużat. Għal kull buon fini jingħad li fuq ir-Rikors tal-Avukat Ġenerali li jinsab *a fol.* 837 (fejn huwa talab proroga *ai termini* ta' Artikolu 432 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) hemm imniżżel li dan ġie milqugħ fl-20 ta' Diċembru 2012.

10. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fid-9 ta' Jannar 2017 ġie ppreżentat Rikors mill-Avukat Ġenerali fejn talab proroga *ai termini* ta' Artikolu 432 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Rikors jinsab *a fol.* 943a u li jidher li huwa l-ewwel Rikors li l-akkużat ried li jagħmel riferenza għalih fl-ewwel eċċezzjoni. Mill-verbal tas-seduta miżmuma fis-6 ta' Diċembru 2016 (*a fol.* 942) jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istuttorja ordnat li l-atti jiġu rinvjati lill-Avukat Ġenerali ri-appuntabbli għas-17 ta' Jannar 2017 b'dan illi minn *a fol.* 943 jirriżulta li l-atti proċesswali ġew riċevuti għand l-Avukat Ġenerali fis-7 ta' Diċembru 2016 li kellu sad-9 ta' Jannar 2017 biex jibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istuttorja u dana peress li s-7 ta' Jannar 2017 kien jaħbat is-Sibt. Fuq ir-Rikors tal-Avukat Ġenerali li sar fid-9 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 943a) *ai termini* ta' Artikolu 432 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma hemmx imniżżel "Akkordat" jew kliem ieħor f'dan is-sens.

11. Illi fir-rigward tar-Rikors l-ieħor li jsir riferenza għalih fl-ewwel eċċezzjoni *ossia* dak li ġie ppreżentat fl-10 ta' Mejju 2019,

filwaqt li din il-Qorti tinnota li dan jinsab *a fol.* 1021a fejn fih l-Avukat Ġenerali talab proroga *ai termini* ta' Artikolu 432 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tinnota wkoll li anqas fuq dan ir-Rikors ma hemmx imniżżel "Akkordat" jew kliem ieħor f'dan is-sens.

12. Illi minkejja dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tal-qari tal-akkużi jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova."

13. Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 1998 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak et** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Issir riferenza għalhekk mill-ewwel lis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ġunju, 1996 in re **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Carmelo Muscat** (Att ta' Akkuża 3/95) fejn il-Qorti daħlet funditus fuq il-konsegwenzi legali li jista' jkun hemm dwar il-validita' o meno ta' l-att ta' l-akkuża meta dan jiġi ppreżentat oltre l-perjodu ta' xahar previst mil-liġi fl-artikolu 432(1) tal-Kodiċi Kriminali. F'dik l-istess sentenza li għaliha qed issir riferenza din il-Qorti kienet ukoll irriferiet għall-ġurisprudenza

preċedenti, kollha indikattiva biex tikkonferma jew biex tirribadixxi l-prinċipju illi l-fatt illi l-Avukat Ġenerali ma jkunx ippreżenta l-att tal-akkuża fiż-żmien ix-xahar stipulat mil-liġi, u fl-assenza ta' proroga biex jippreżentah ulterjorment, ma jġibx bħala konsegwenza illi jekk dak l-istess att ta' akkuża jiġi ppreżentat sussegwentement u għalhekk oltre l-perijodu ta' xahar imsemmi, dak l-istess att ikun null fit-termini tal-liġi. Fil-ġurisprudenza ċitata ġie spjegat, u din il-Qorti issa qed tirribadixxi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' l-Avukat Ġenerali illi jippreżenta l-att ta' l-akkuża fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew permess lilu mill-Qorti permezz ta' proroga jistgħu jkunu diversi fosthom jistgħu anke jwasslu għal-liberazzjoni mill-arrest ta' l-imputat, pero' mhux ikkontemplat mil-liġi bħala waħda mill-konsegwenzi li l-Avukat Ġenerali huwa prekluż milli jippreżenta l-att ta' l-akkuża xorta waħda avolja jkun skadielu t-terminu f'liema każ mhux talli l-liġi ma tikkontemplax in-nullita' ta' dak l-istess att ta' akkuża, anzi fit-termini ta' l-artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali tipprovdi illi dik l-istess preżentata tardiva tista' tinnewtralizza ċerti effetti oħra illi jista' talvolta jkun hemm kieku l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie preżentat. Infatti kif din il-Qorti kellha opportunita' tispjega fis-sentenza msemmija huwa ċar illi dak li riedet tirraġunġi l-liġi jemerġi bl-aktar mod ċar mill-istess artikolu 602 tal-Kodiċi Kriminali u jipprovdi li jekk l-att ta' l-akkuża ma jkunx ġie ppreżentat fiż-żmien stabbilit, il-possibilita' li l-imputat jiġi liberat ċjoè meħlus mill-arrest, ma tibqax teżisti jekk sadanittant l-att ta' l-akkuża jkun ġie ppreżentat anke jekk tardivament. Fil-fehma tagħha din hija indikazzjoni ċara li l-liġi ma kienet qatt intenzjonata li ttellef id-dritt ta' l-Avukat Ġenerali li jippreżenta l-att ta' l-akkuża allavolja jkun skadielu t-terminu anzi mhux hekk biss, billi ċerti drittijiet tal-akkużat illi jkunu in limbo bħalma huwa dak li jitlob li jiġi lliberat mill-arrest jintilfu appena l-att ta' l-akkuża jiġi ppreżentat sakemm dik it-talba tkun għada ma saritx."

14. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Michele Artale** (Numru 8/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi eċċezzjoni simili ħafna għal dik odjerna tqajjmet fil-proċeduri fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Daniel Muka**,[3] fejn din il-Qorti kif diversament ippreseduta daħlet fid-dettal dwar dan is-suġġett:
>
> > *8. During the term mentioned by article 432(1) of the Criminal Code, the Attorney General was however not obliged to immediately file the bill of indictment. The Attorney General could – after receiving the records of the inquiry in terms of Article 401(3) of the Criminal Code – re-hear a witness that had already testified or brought further evidence if he considered it necessary to do so. Article 405 of the Criminal Code allowed the Attorney General to make any such request after that the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry committed the accused for trial on indictment.[4] […]*
> >
> > ***9. The Attorney General had various legal courses of action open to him once that he received the records of the inquiry from the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry. He could also avail himself of these options even after the expiration of the term of one month: provided however that the Attorney General requested an extension: (a) first to the Criminal Court for an additional fifteen days and then, if need be (b) to the President of***

[3] "Deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-18 t'Ottubru, 2022."
[4] *"before the Criminal Court and before the filing of the bill of indictment by the Attorney General."*

***Malta for further fifteen days and then for such longer period as may be required.***[5]

***10. To avail himself of the extension of the original time limits, the Attorney General was obliged to lodge the said demand; but once that demand was lodged, then it was bound to be acceded to by operation of Law. The Law granted no discretion to the Criminal Court or to the President of Malta to reject this request. The sine qua non requirement was the timely demand that had to be lodged by the Attorney General for the extension of the time frames imposed by law.***

*11. Once the demand is lodged to the Criminal Court before the lapse of the time frames stipulated by law – and evidence thereof is found in the records of the proceedings – then this Court need dig no further and deeper into the issue as that demand is to be upheld by the Criminal Court. And once the demand was upheld by this Court, the request and the decree upholding the request did not need to be proven as they are deemed to form part of the records of the proceedings. There was no need for the demand to be made accessible to the Court of Magistrates, provided that both demand and corresponding decree acceding to it resulted from the records of the Criminal Court. This was the line of reasoning adopted in the appeal proceedings* ***Il-Pulizija vs. Victor Magro*** *decided on the 11th of March 1993 where the Court of Criminal Appeal, presided by Mr. Justice C. A. Agius.'*

*[…]*

[5] *"Vide the appeal proceedings:* ***Il-Pulizija vs. Edward Cassar et*** *decided on the 26th. June 1986."*

*15. But for the sake of completeness, even if one were to concede **gratia argomenti** that the Attorney General had failed to show that the request was made, or was not made on time or that there was no evidence of this request being acceded to, the consequence of any such shortcoming **would still not lead to the nullity of the bill of indictment or the compilation proceedings as Defence contended**.*[6] *Article 597(4) of the Criminal Code states:*

*The indictment cannot be impugned on the ground of any defect in the record of inquiry, nor can the accused demand that, on the ground of any such defect, the trial on the said indictment be not proceeded with, unless such defect consists in the total absence of the charges being read or of the examination of the accused or **of the order committing the accused for trial**, or in the refusal of the court of criminal inquiry, without just cause, to hear the evidence produced by the accused; saving always the right of the accused and the Attorney General to oppose the production, at the trial, of any act tendered in evidence which is not according to law.*

*...*

*17. The long-standing legal position adopted by the Maltese Courts of Criminal Justice in this regard Article 597(4) of the Criminal Code to be read and construed together with the provisions of Article 432(1) and Article 602 of the Criminal Code. Article 602 reads:*

*Where the indictment is not filed within the prescribed time, the court may, at the request of the*

[6] "Enfasi ta' din il-Qorti."

*accused, and after hearing the Attorney General, order the discharge of the accused, and the provisions of article 434 shall, mutatis mutandis, apply:*

*Provided that this provision shall not apply if at the time the request is made the indictment shall have been filed.*

*18. This meant that the filing of the bill of indictment* ***__after__*** *the prescribed time of one month (when not extended) in terms of Article 431(1) and 432(1) of the Criminal Code* ***__did not bring about the nullity of the records of the inquiry__*** *but it gave the accused an opportunity to make a request for discharge (subject to the provisions of Article 434 of the Code). In a ruling given in* ***__Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Muscat__*** *on the 7th. June 1996 the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) it was held:*

*L-effetti tan-nuqqas tal-preżentata ta' l-Att ta' l-Akkuża fiż-żmien illi huwa previst u impost mil-liġi, ġġib bħala konsegwenza, mhix li l-Avukat Ġenerali jkun preklużi għal dejjem milli jippreżenta l-Att ta' l-Akkuża, iżda li l-Qorti tista' tordna li l-imputat jiġi lliberat, jiġifieri meħlus mill-istat ta' arrest – fit-test Ingliż "order the discharge of the accused". Jista' jiżdied ukoll illi dak li riedet tirraġġungi l-liġi jemerġi evidenti ukoll mill-proviso ta' l-artikolu 602 li jipprovdi li jekk l-Att ta' l-Akkuża ma jkunx ġie ppreżentata fiż-żmien il-possibilita' li l-imputat jiġi lliberat, ċjoè meħlus mill-arrest, ma tibqax teżisti, jekk sadanittant l-Att ta' l-Akkuża jkun ġie ppreżentat. Indikazzjoni ċara tal-liġi li ma kien qatt intenzjonat u previst illi d-dritt ta' l-Avukat Ġenerali li jippreżenta l-Att ta' l-Akkuza jintilef. F'każ li l-Att ta' l-Akkuża ma jiġix ppreżentat fit-*

*terminu, il-Qorti mhux obbligata li tirrilaxxja lill-akkużat mill-arrest, anzi f'ċerti każi ma ħelsitux.*

*19. The same principle was laid out by the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) in the ruling given on the 2nd. March 1998 in the names of* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak u Francis sive Frankie Axiaq*** *wherein it was held:*

*[…][7]*

*20. In the ruling of the Criminal Court dated 18th. January 2006 in* ***Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun****, the Court referred to an older ruling in* ***Il-Maesta' Tiegħu Ir-Re vs. Manwel Bonello*** *and said the following:*

*Dik l-istess Qorti in segwitu kienet iddeċidiet, fit-13 ta' April 1950 fil-kawża fl-ismijiet Il-Maesta' Tiegħu Ir-Re' v. Manwel Bonello, Kollez. Deċ. XXXIV.iv921, li jekk it-talba għal-liberazzjoni taħt l-Artikolu 602 tkun ġiet miċħuda,* ***l-att ta' akkuża li jkun ġie sussegwentement preżentata ma jkunx jista' jiġi invalidat minħabba l-istess raġuni, ċioè li ma kienx ippreżentat fit-terminu stabbilt fl-imsemmi Artikolu 602****; u għalhekk wara dik id-deċiżjoni ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tan-nullita' ta' l-att ta' akkuża fuq ir-raġuni taż-żmien. Ara wkoll l-Artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali.*

Illi f'din is-sentenza suċitata din l-eċċezzjoni simili għal dik odjerna ġiet miċħuda u din id-deċiżjoni ġiet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.[8]"

[7] Din is-sentenza diġa' ġiet ċitata f'paragrafu 13 ta' din is-sentenza.
[8] "Deċiża nhar is-26 t'April 2023."

15. Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet bil-fomm mismugħa quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-akkużat għamel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Aleksander Stojanovic**. Minn riċerka li għamlet din il-Qorti jirriżulta li din is-sentenza ngħatat fil-5 ta' Diċembru 2023 u li ġġib in-numru 36/2022. Għal kull buon fini jingħad li minkejja li l-konsulent legali tal-akkużat saħaq li din is-sentenza ġiet appellata u li l-proċeduri tal-appell kienu għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) pero' din il-Qorti jirriżultalha li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) tat is-sentenza tagħha fit-22 ta' Mejju 2024. Din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ingħad is-segwenti:

> "16. It is undisputed that in this case the Attorney General adhered to the time limits imposed at law and requested the Criminal Court for a fifteen-day extension as provided in article 432, however the fact that the Court's decree granting this request is not found in the acts of the inquiry is at the core of appellant's first preliminary plea. Now in this case, contrary to the plea raised in the Muka judgment appellant is raising the nullity of the Bill of Indictment together with the nullity of the acts of the proceedings, the Court presuming that appellant is here referring to the acts of the inquiry. To begin with the Bill of Indictment may be declared null and void only if there is non-adherence to the requisites laid out in article 589 of the Criminal Code.[9] Moreover, the acts of the inquiry may also be found to be defective

[9] "The indictment shall be made in the name of the Republic of Malta and shall - (a) specify the court before which it is preferred; (b) contain a clear indication of the person accused; (c) state the facts constituting the offence with such particulars as can be given relating to the time and place in which the facts took place and to the person against whom the offence was committed, together with all such circumstances as, according to law and in the opinion of the Attorney General, may increase or diminish the punishment for the offence; and (d) end with a summary in which the accused shall be charged with the offence as specified or described by the law, and with the demand that the accused be proceeded against according to law, and that he be sentenced to the punishment prescribed by law (quoting the article of the law creating the offence) or to any other punishment applicable according to law to the declaration of guilty of the accused."

only for the reasons laid out in article 597(4) of the Criminal Code being **"the total absence of the charges being read or of the examination of the accused or of the order committing the accused for trial, or in the refusal of the court of criminal inquiry, without just cause, to hear the evidence produced by the accused; saving always the right of the accused and the Attorney General to oppose the production, at the trial, of any act tendered in evidence which is not according to law."**

17. Thus, it is evident that the non-extension by the Criminal Court of the one-month time frame for the filing of the indictment by a further fifteen days, upon a request by the Attorney General to that effect, does not lead to the nullity being alleged. After all, had appellant, then accused, shown any doubt as to whether the extension had been granted, thus leading to the failure by the Attorney General to file the Bill of Indictment within the one-month time frame established by law, he could always have had recourse to the only remedy contemplated by the legislator in article 602 of the Criminal Code[10], requesting his discharge, an action which he has failed to take, with the compilation of evidence proceeding according to law."

16. Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appena ċitata hawn fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ikkonfermat dak li kienet iddeċidiet din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward ta' eċċezzjoni simili għal dik in eżami minn din il-Qorti u b'hekk il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ċaħdet l-aggravju tal-akkużat f'dak il-każ. Din il-Qorti tinnota wkoll li hija taqbel ma' dak ċitat hawn fuq fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni bil-

[10] "Where the indictment is not filed within the prescribed time, the court may, at the request of the accused, and after hearing the Attorney General, order the discharge of the accused, and the provisions of article 434 shall, *mutatis mutandis*, apply: Provided that this provision shall not apply if at the time the request is made the indictment shall have been filed."

konsegwenza li tagħmlu tagħha. Isegwi għalhekk li l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat qed tkun miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

17. Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jirreferi għal Inkjesta Maġisterjali redatta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman dwar sejba ta' droga herojina u kokajina fuq titjira KM 395 minn Amsterdam fil-bagalja ta' Gabriel Alin Fister fit-30 ta' Marzu 2009 u jirreferi wkoll għal Inkjesta Maġisterjali oħra, li ġiet redatta mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar sejba ta' herojina fi Flat 5, Violet Flats, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar fil-31 ta' Marzu 2009. L-akkużat jargumenta li fihom ġie nominat Perit Legali biex jisma' x-xhieda u jirrelata dwar iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Jgħid li dan hu l-iSpettur Dennis Theuma li ġie nominat permezz ta' digriet tat-30 ta' Marzu 2009 mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman (*a fol.* 23) u fil-31 ta' Marzu 2009 mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera (*a fol.* 31). Jargumenta li skont it-tielet *proviso* ta' Artikolu 548(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan mhux permess salv għal reati li huma punibbli b'piena massima ta' seba' snin jew aktar. Għalhekk l-akkużat jitlob l-isfilz tax-xiehda u rapporti redatti minn tali periti legali.

18. Illi dwar l-Inkjesti Maġisterjali hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tinnota li <u>mkien</u> miż-żewġ *Proces Verbal* (*a fol.* 16 *et seq.* u *a fol.* 26 *et et seq.*) ma jirriżulta li ż-żewġ Maġistrati Inkwirenti in kwistjoni appuntaw lil xi ħadd biex jisma' x-xhieda u żgur mhux l-iSpettur Dennis Theuma kif imsemmi mill-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami. Apparti l-fatt li jirriżulta li ma nstemgħu l-ebda xhieda minn xi perit legali, l-ebda perit legali ma ġie maħtur fl-Inkjesti Maġisterjali in kwistjoni. Mill-*Proces Verbal* tal-Inkjesta Maġisterjali mmexxija mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman jirriżulta li hija nnominat lill-iSpettur Dennis Theuma *"biex iżomm aċċess minnufih u jistabilixxi l-fatti relevanti u jirrelata bil-miktub fi żmien tletin jum"* (*a fol.* 23) b'dan illi fl-istess digriet in kwistjoni l-Maġistrat Inkwirenti nnominat numru ta' esperti biex jassistu lill-

imsemmi Spettur. Fir-rigward tal-*Proces Verbal* tal-Inkjesta Maġisterjali mmexxija mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera jirriżulta li hija nnominat lill-iSpettur Dennis Theuma *"sabiex iżomm aċċess fuq il-post imsemmi u jirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti dwar iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fi żmien tlett ijiem mil-lum"* (*a fol.* 30) b'dan illi fl-istess digriet in kwistjoni l-Maġistrat Inkwirenti nnominat espert biex jassisti lill-imsemmi Spettur. Għal kull buon fini jingħad li jirriżulta li ż-żewġ Maġistrati msemmija nnominaw lill-iSpettur Dennis Theuma sabiex iżomm aċċess fuq il-post imsemmi u jagħmel dak ordnat kif imsemmi hawn fuq peress li huwa kien l-Uffiċjal Investigattiv rigwardanti l-każi fiż-żewġ inkjesti msemmija.

19. Illi b'żieda ma' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Theresa Agius** (Numru 524/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Illi fl-ewwel aggravju mressaq minnha, l-appellanti tqanqal l-irregolarita' u kwindi l-inammissibilita' tal-proċess verbal bħala prova u dan għaliex dan ma kienx redatt fit-termini tal-liġi bil-Maġistrat Inkwirenti jonqos milli jżomm aċċess fuq il-post hu stess u li jistabbilixxi l-fatti rilevanti fl-istħarriġ dwar l-*in genere*. Tikkontendi illi nnomina mill-Maġistrat Inkwirenti tal-iSpettur Spiridione Zammit sabiex *"iżomm aċċess minnufih u jistabbilixxi l-fatti rilevanti u jirrelata bil-miktub fi żmien tletin jum"* kienet waħda li tmur kontra d-dettami tal-Kodiċi Kriminali u li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara li dak kollu li rriżulta mill-atti tal-inkjesta, inkluż ir-rapporti tal-esperti maħtura u d-dokumenti elevati, huwa legalment monk, difettuż u għalhekk inammissibbli.
>
> Illi, il-Kodiċi Kriminali jirregola l-proċedura dwar l-*in genere* fl-Artikoli 546 *et sequitur*, liema dispożizzjonijiet tal-liġi jistabbilixxu illi jrid isir l-istħarriġ dwar l-*in genere*

kull meta jsir rapport, denunzja jew kwerela dwar reat li jġorr piena ta' 'il fuq minn tlett snin priġunerija. Il-Maġistrat Inkwirenti għandu s-setgħa li jinvestiga billi jara li tiġi mqiegħda fiż-żgur ix-xena tad-delitt u li tiġi ppreservata l-evidenza billi fost oħrajn jinħatru esperti forensiċi sabiex jinġabru dawk il-provi diretti jew indiretti jew indizzji rilevanti marbuta mal-*in genere* għal kxif tal-verita'. Wara dan il-Maġistrat ikun jista' jasal biex jistabbilixxi jekk fuq bażi *prima facie* din l-evidenza hekk ippreservata tkunx tista' twassal għal prosekuzzjoni ta' xi reat *in specie* u jekk minn dan l-istħarriġ tistax tirriżulta xi persuna jew persuni li kontra tagħha/hom tista' tiġi varata l-azzjoni penali. Dan kollu l-Maġistrat jirrediġieh fil-*proces verbal* illi fil-Qorti imbagħad jista' jinġieb bħala prova fis-smigħ tal-każ.[11]

Illi, l-appellanti ssib oġġezzjoni għal din il-prova hekk magħmula għaliex, fil-fehma tagħha, ma kienx hemm ottemperanza bi sħiħ mal-kelma tal-liġi u senjatament dak maħsub fl-Artikolu 547 tal-Kodiċi Kriminali meta l-"*aċċess*" ma sarx mill-Maġistrat, iżda minn Spettur tal-Pulizija. Illi minn eżami tat-test ingliż tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar l-istħarriġ dwar l-*in genere*, tintuża l-kelma "*inquest*" li tradotta għall-ilsien Malti tfisser l-istħarriġ ġudizzjarju sabiex jkunu stabbiliti l-fatti kollha relatati ma' inċident. Issa dan l-istħarriġ ġudizzjarju jsir, kif ingħad, kull meta l-Inkwirenti jaħtar dawk l-esperti kollha li fil-fehma tiegħu jkunu jistgħu jassistuh fl-*in genere* u minn hemm tiġi mnehdija l-inkjesta u ċjoè *the inquest*, mmexxija mill-Inkwirenti. Fil-fatt l-Artikolu 548 jkompli jiddisponi hekk:

> **"Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal."**

[11] "Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali."

Illi, ukoll l-Artikolu 549 jgħid li:

> **"Il-proċess verbal għandu jiġi ffirmat mill-maġistrat jew minn uffiċjal li jkun għamel l-aċċess."**

Illi, jiġi nnutat li l-periti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti, bl-eċċezzjoni tal-iSpettur Zammit, kienu t-tnejn li huma esperti fil-materja li fiha jispeċjalizzaw u apparti minn hekk ma kellhom l-ebda inkarigu sabiex jisimgħu x-xhieda bil-ġurament. Di fatti, PS 644 Evan Camilleri sempliċiment ħa sett ritratti ta' *evidence bag* issiġillata kontenenti s-sustanza illeċita misjuba, filwaqt li l-iSpiżjar Godwin Sammut eżamina l-istess u kkonstata l-presenza ta' sustanzi pprojbiti bil-liġi. Sussegwentement, ir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Godwin Sammut ġiet inserita fil-*proces verbal* hekk kif tirrikjedi l-liġi filwaqt li r-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri ġiet ippreżentata *seduta stante* quddiem l-Ewwel Qorti meta huwa ddepona fil-qorti. Tajjeb jingħad li dawn iż-żewġ esperti t-tnejn li huma xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward tar-rapporti minnhom redatti – l-Ispiżjar Godwin Sammut nhar id-9 t'Ottubru 2015, filwaqt li PS 644 nhar l-1 ta' Marzu 2017 – u għalhekk id-difiża qatt ma ġiet ipprivata mid-dritt tal-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda b'mod li għalhekk kellha kull opportunita' tikkontrolla l-konklużjonijiet minnhom raġġunti fir-rapporti tagħhom u li għalhekk tistabilixxi jekk setax kien hemm xi rregolarita' fil-mod kif tmexxa dan l-istħarriġ. Fuq kollox s-sub-artikolu (5) ta' l-istess Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jispeċifika illi:–

> **"Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti."**

Illi din id-dispożizzjoni tal-liġi xxejjen il-preġudizzjali sollevata billi n-nuqqas mill-Maġistrat Inkwirenti li jżomm aċċess, u dan skont l-interpretazzjoni mogħtija lil dan it-terminu mill-appellanti, ma jġibx fix-xejn il-*proces verbal*. Illi minn eżami tal-atti tal-*proces verbal* jidher li hemm ottemperanza ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi sabiex b'hekk in-nullita' ravviżata hija waħda infondata. Mhux biss, iżda għalkemm il-*proces verbal* regolarment magħmul jikkostitwixxi prova fih innifsu, madanakollu xejn ma jżomm lil Qorti milli tisma' l-periti u x-xhieda li jkunu nstemgħu matul l-inkjesta:

> **"Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna, għall-istess effett, li jinġieb kull wieħed mill-periti jew mix-xhieda l-oħra li mill-proċess verbal ikun jidher li ġie mismugħ fl-aċċess; u, għaldaqshekk, dan il-perit jew xhud għandu, fil-każijiet kollha ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jiġi mdaħħal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġi mismugħ, jekk ikun hemm bżonn."**

Illi l-Qorti tinnota finalment illi matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm tqajmu diversi lanjanzi minn naħa tad-difiża, madanakollu l-ebda lment ma tressaq dwar l-ammissibbilita' tal-*proces verbal* bħala prova in atti. Huwa odjuż li tali lanjanza titqajjem imbagħad fl-istadju ta' reviżjoni, meta issa l-Qorti għandha idejha marbuta bl-irregolarita' lanjata li ma tistax tiġi issanata.

Illi jerġa' jiġi rilevat illi ġaladarba l-proċess verbal *de quo* ġie magħmul regolarment u ġaladarba l-esperti maħtura fil-kors tal-inkjesta maġisterjali t-tnejn li huma reġgħu ittellgħu jixhdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, b'rispett lejn il-kontradittorju, l-ebda rregolarita' jew inammissibbilita' ma tirriżulta.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud."

20. Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, u meħud in konsiderazzjoni dak ikkunsidrat aktar 'il fuq minn din il-Qorti fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni jwassal lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni in eżami.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

21. Illi fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jeċċepixxi n-nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni minħabba li l-Maġistrat Dr. Miriam Hayman kienet il-Maġistrat Inkwirenti li rrediġiet l-inkjesta dwar is-sejba ta' droga herojina u kokajina fuq it-titjira KM 395 minn Amsterdam fil-bagalja ta' Gabriel Alin Fister fit-30 ta' Marzu 2009 u kienet il-Maġistrat sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni kontra l-akkużat. Jgħid li għalhekk kien messha astjeniet milli tisma il-proċeduri tal-kumpilazzjoni.

22. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fis-seduta tal-14 ta' April 2009 (*a fol.* 12) ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istutorrja hekk kif dakinhar preseduta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, il-*Proces Verbal* (*a fol.* 16 *et seq.*) redatt mill-istess Maġistrat Dr. Miriam Hayman bħala Maġistrat Inkwirenti. Filwaqt li huwa minnu li l-Maġistrat Dr. Miriam Hayman għamlet żmien twil tisma' l-kumpilazzjoni fil-konfront tal-akkużat f'dan il-każ, pero' huwa minnu wkoll li l-Maġistrat Dr. Miriam Hayman fil-vesti tagħha bħala Maġistrat Inkwirenti fir-rigward tal-*Process Verbal* hawn fuq imsemmi (*a fol.* 16 *et seq.*) ma għamlet l-ebda konklużjonijiet u dana minħabba li hija kienet ġiet mitluba tagħlaq l-Inkjesta Maġisterjali in kwistjoni. Għandu jingħad ukoll li ħadd mill-esperti maħura fl-Inkjesta Maġisterjali mmexxija mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman ma kien leħaq irrelata quddiemha dwar l-inkarigu mogħti lilu minnha.

23. Illi tajjeb jingħad li r-rwol tal-Maġistrat Inkwirenti mhux dak li jsib ħtija stante li huwa la jaġixxi qua Qorti Istruttorja u lanqas qua Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Ir-rwol tiegħu huwa li indipendentement mill-partijiet kollha, anke permezz ta' esperti minnu nominati, jipprova jasal għal konklużjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi ħadd partikolari li jista' jiġi investigat ulterjorment jew addirittura mixli quddiem il-Qorti.

24. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Lulju 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jason Calleja** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "Jingħad mill-ewwel illi dan ir-ram ta' l-istruttura tas-sistema penali tagħna mhux wieħed li fuqu hemm xi ġurisprudenza profikwa anzi kważi ma hemm xejn ħlief numru insinifikanti ta' sentenzi li jittrattaw l-aspett tal-ammissibilità tal-*proces verbal* minflok ix-xhieda *viva voce* iżda mhux il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti bħala tali. Anqas ma hu suġġett tali li fir-rigward tiegħu wieħed jista' jirreferi għal awturi esteri jew ferm inqas Maltin. Infatti s-sistema tagħna tal-Maġistrat tal-Għassa (li fil-fatt il-liġi qatt ma ssemmieh bħala tali!), tal-Maġistrat Inkwirenti, ta' l-*in genere*, u tal-*proces verbal*, għalkemm ispirata minn sistemi f'ċertu sens simili eżistenti f'pajjiżi oħra, hija partikolari għal Gżirietna. Wieħed għalhekk irid joqgħod attent li japplika biss dawk ir-regoli li mil-liġi tagħna stess huma indikati bħala dawk li għandhom jiggvernaw il-materja. Dana huwa importanti għaliex is-sistemi esteri ta' mħallfin jew maġistrati eżerċenti funzjonijiet ta' investigaturi huma konsegwenza tas-sistema inkwiżitorjali li fis-sistema tagħna ma treġix iżda li kwantu jirrigwarda l-Maġistrat Inkwirenti f'Malta hija f'ċertu limiti ppreservata għaliex il-funzjoni tiegħu tiġi eżerċitata f'kamp li mhux parti mill-kontradittorju iżda, li l-frott tiegħu, jista' jintuża, anzi jikkostitwixxi prova fil-kontradittorju;

Fil-kuntest ta' l-aggravju ta' l-appellant, l-ewwel aspett ta' indoli legali li jrid jiġi ċċarat huwa dak li jispeċifika l-funzjoni tal-Maġistrat inkwirenti;

L-ewwel ma jrid jiġi ċċarat huwa li l-Maġistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesti li l-imsemmi Titolu irriservaw għalih, ma jaġixxix bħala Qorti Istruttorja, iżda bħala Maġistrat *ut sic*. Anzi, f'ċerti partijiet tal-Kodiċi Kriminali, bħal per eżempju, fl-artikolu 549(4), hemm ċara d-distinzjoni bejn il-Maġistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja;

Stabbilit li l-Maġistrat Inkwirenti fl-inkjesti ma jaġixxix bħala Qorti Istruttorja, x'inhija allura l-funzjoni tiegħu? M'hemmx dubbju li l-ewwel konklużjoni hija illi fl-inkjesta huwa anqas ma għandu funzjoni ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Ċertament huwa persuna intiża mil-liġi stess bħala ta' importanza fondamentali fil-proċess tar-riċerka għall-verità, iżda l-Maġistrat Inkwirenti m'għandux il-funzjoni li jistabbilixxi l-ħtija jew l-innoċenza ta' xi persuna, indizjata jew mhijiex. F'dan il-kuntest wieħed irid joqgħod attent, għaliex ċertu kliem użat mil-liġi, speċjalment fl-artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali, jista' jagħti l-impressjoni illi fost il-funzjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti hemm dik li jikxef il-ħati. Pero', dan mhuwiex il-każ u jista' jiġi affermat mingħajr l-iċken eżitazzjoni illi dan qatt ma ġie ddubitat. Isegwi, li l-kliem mill-artikolu 554(1) tal-Kodiċi Kriminali "Il-Maġistrat jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt aċċess jikxef li hija ħatja, jew li kontra tagħha jkunu nġabru indizji biżżejjed ..." (fit-test Ingliż *"it shall be lawful for the Magistrate to order the arrest of any person whom, at the inquest, he discovers to be guilty or against whom there is sufficient circumstantial evidence ..."*) mhux ħlief poter ta' arrest li l-liġi qed testendi lill-Maġistrat Inkwirenti fejn fil-kors ta' xi inkjesta jemerġu provi ċari, jew indikazzjonijiet qawwija, li xi persuna partikolari aktarx hija responsabbli għall-kummissjoni tar-reat li

jkun qed jiġi investigat. Speċjalment mit-test Ingliż, fejn jissemmew espressament *circumstantial evidence*, jidher li l-liġi qed tipprospetta kemm il-prova diretta: kif ukoll dik indiretta: fejn dawn ikunu ċari biżżejjed, il-Maġistrat Inkwirenti, għalkemm kif ingħad, m'għandux il-funzjoni li jistabbilixxi ħtija jew innoċenza, għandu l-fakolta' li jordna l-arrest ta' dik il-persuna biex possibbilment il-ġustizzja tieħu l-kors tagħha tempestivament u awtorevolment u mhux fid-diskrezzjoni tal-pulizija. Dan hu l-uniku mod kif dak li hemm: ipprovdut fl-artikolu 554(1) tal-Kodiċi Kriminali jista' jagħmel sens jekk il-prinċipju tal-presunzjoni ta' l-innoċenza fis-sistema tagħna għandu jkollu, kif fil-fatt dejjem ingħata, valur assolut;

In linea ġenerali, il-Maġistrat Inkwirenti hu fdat ilu l-inkariku li fil-każijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew iżomm l-aċċess li l-liġi tipprevedi u fl-aħħarnett jirrediġi *proces verbal* li l-liġi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-proċess ġenerali tar-riċerka tal-verità u jikkonsisti prinċipalment fil-ġbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Maġistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bħala pertinenti għall-ġrajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bħala tali, u kuntrarjament għal dak li jiġri f'ċerti sistemi kontinentali, il-Maġistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher ċar li fis-sistema tagħna huwa previst biex f'numru ta' każijiet serji li l-liġi stess tispeċifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jinġabrux u ma jiġux ippreservati biss mill-Pulizija, iżda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv ta' l-Istat u li jiggarantixxu li r-riċerka tal-verità ma tkunx inkwinata minn xi interessi ħlief dak suprem li kollox isir skond il-ħaqq u l-ġustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-*Privy Council* in re **Regina**

*vs* **George Terreni**, *obiter*, iddeskriva bħala *a good way of preserving evidence;*

S'intendi, ċerti deċiżjonijiet il-Maġistrat Inkwirenti bilfors jeħodhom, anzi, jista' jiġi affermat li mingħajr l-eżerċizzju ta' din il-funzjoni, l-uffiċċju tiegħu, f'diversi każijiet jisfa bla sens. Hekk, per eżempju, f'każijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa għandu jindaga ċ-ċirkostanzi li wasslu għal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew ċertament waħda aċċidentali u indipendenti minn kull ħtija doluża jew kolpuża ta' terzi jew inkella hiex proprju r-riżultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jingħad għal każijiet fejn jiġu rapportati lilu eventi li *prima facie* jkunu jippreżentaw sembjanzi ta' reat. Hi ċertament il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u jipprova jasal għal konklużjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi ħadd partikolari li jista' jiġi investigat ulterjorment jew addirittura akkużat. Ċertament mhix il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti li jiddeċidi li għar-reat investigat minnu huwa ċertament jew probabbilment responsabbli xi ħadd partikolari, għax kif ingħad huwa ma jaġixxix *qua* Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Ġudikatura. Iżda hija ċertament il-funzjoni tiegħu li jiddeċidi l-ewwel hemmx provi suffiċjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bażi tal-provi – indipendentement mill-apprezzament tagħhom – hemmx biżżejjed biex jingħad li xi ħadd partikolari jista' possibbilment ikun passibbli għal proċeduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti, iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tiegħu. Jiġi ripetut li l-istitut tal-Maġistrat Inkwirenti evidentement inħoloq biex kemm hu possibbli ċerti indaġnijiet li jistgħu iwasslu jew għall-kxif ta' reati u/jew ta' persuni responsabbli għalihom jew li jistgħu jkunu neċessarji f'ċerti eventi serji, dawn isiru bl-ikbar serjetà u 'l fuq mis-

suspetti jew l-influwenza diretta jew indiretta tal-poter esekuttiv ta' l-Istat;

[...]

F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva u tasal għall-konklużjonijiet segwenti:

Safejn taf din il-Qorti, il-prattika fost il-Maġistrati dejjem kienet – u l-loġika legali hekk tirrikjedi – illi meta u appena l-Maġistrat Inkwirenti jiġi informat mill-pulizija illi persuna kienet ser titressaq jew ġa' ġiet imressqa l-Qorti u akkużata bid-delitt li l-Maġistrat Inkwirenti kien qed jinvestiga, dan isir mhux għas-sempliċi formalità, iżda biex il-Maġistrat Inkwirenti proprju ma jkomplix bl-investigazzjoni tiegħu u jgħaddi biex jirrediġi l-*proces verbal*. Minn dak il-mument, il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti tiġi immedjatament ċirkoskritta u kull ma jkun jifdallu jagħmel huwa, mhux li jagħlaq l-inkjesta, iżda li jissospendiha u jipproċedi biex jirrediġi l-*proces verbal* li fih jindika dak li tirrikjedi l-liġi u xejn aktar. F'ċirkostanzi bħal dawn, minħabba li persuna partikolari tkun għaddiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti b'akkuża speċifika, hu impellenti li l-Maġistrat Inkwirenti jifhem li l-funzjoni tiegħu ta' investigatur ma tistax titkompla u għalhekk huwa neċessarju li l-*proces verbal* tiegħu jkun limitat biss biex jindika xi provi laħaq ġabar u ppreserva sa dak il-ħin mingħajr ma jipprova jistabbilixxi ħtijiet jew responsabbiltajiet partikolari. Infatti, il-formula dejjem kienet li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Maġistrat wara li jindika xi provi laħaq ġabar jgħaddi għall-paragrafu konklussiv li dejjem kien jikkonsisti f'dikjarazzjoni li minħabba n-notizzja u l-fatt tal-preżentata huwa ssospenda l-inkjesta jew l-aċċess, irrediġa l-*proces verbal* li miegħu jgħaqqad id-deposizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti miġbura. Imbagħad jiddisponi mill-*proces verbal* kif trid il-liġi."

25. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat. Apparti dan u apparti dak li ngħad aktar ‘il fuq fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, din il-Qorti tinnota għal darb'oħra li l-*Proces Verbal* in kwistjoni hekk kif redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman ingħalaq fuq talba tal-Kumissarju tal-Pulizija. Għalhekk lanqas wieħed jista' jgħid li l-Maġistrat li mexxiet l-inkjesta in kwistjoni għamlet xi dikjarazzjoni rigward dan il-każ. Tant huwa hekk li kif diġa' ngħad l-esperti minnha mqabbda lanqas kienu għadhom ippreżentaw quddiemha r-rapporti rispettivi tagħhom. Konsegwentement din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman kellha tastjeni milli tisma' l-proċeduri tal-kumpilazzjoni kontra l-akkużat bħala Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li lanqas saret xi oġġezzjoni dwar ir-rwol tal-Maġistrat Dr. Miriam Hayman fil-każ odjern waqt li l-istruttorja kienet qegħda sseħħ.

26. Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-tielet eċċezzjoni qed tigi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni</u>**

27. Illi fir-raba' eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jeċċepixxi illi fin-nomina tal-esperti mqabbda fl-Inkjesta Maġisterjali (u jagħmel riferenza għal *a fol.* 22) msemmija fl-ewwel eċċezzjoni, il-Maġistrat Inkwirenti ma tatx l-iskop li għalih ġew nominati l-esperti l-iSpiżjar Mario Mifsud, Martin Bajada, PC 6 Duncan Demicoli u PS 659 Jeffrey Hughes. Jgħid li bħala konsegwenza ta' dan, għandha tiġi sfilzata mill-atti kull xiehda jew rapport mogħtija jew redatta minnhom.

28. Illi mill-*Proces Verbal* redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman li jsir riferenza għalih mill-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami jirriżulta li l-Maġistrat imsemmija nnominat lill-iSpettur Dennis Theuma biex iżomm aċċess minnufih u jistabbilixxi l-fatti rilevanti u jirrelata bil-miktub fi żmien tletin jum u jirriżulta wkoll

li hija nnominat biex jassistu lill-imsemmi Spettur waqt l-aċċess lil esperti msemmija mill-akkużat fir-raba' eċċezzjoni.

29. Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Grazio Azzopardi** (Numru 2/2018) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "36. […] Ma jistax jingħad, allura, illi meta hija tkellmet mal-minuri, bil-għan li tasal biex tistabbilixxi dak li kien seħħ, hija kienet qed teżorbita l-inkarigu lilha mogħti. Illi allura:
>
> > "8. ...... l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn ("… whenever it is expedient …" fit-test Ingliż) (artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-*expertise* tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9)."
> >
> > "24. Issa, l-eċċezzjoni ta' inammissibilita' tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Fil-każ odjern in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-*in genere* mill-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li: "Il-qorti, <u>kull meta jkun hemm bżonn</u>, tagħti

> lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fid-digriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, peress illi kull wieħed mill-esperti ndika fir-relazzjoni tiegħu l-inkarigu speċifiku li kellu. Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita' u l-affidabilita' tal-istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom."[12]"

30. Illi minħabba li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami jsegwi li anke r-raba' eċċezzjoni qed tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Il-Ħames Eċċezzjoni</u>**

31. Illi fil-ħames eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jagħmel riferenza għax-xiehda ta' Gabriel Alin Fister li xehed quddiem il-Maġistrat Dr. Silvio Meli. Huwa jisħaq li l-proċeduri kontra Gabriel Alin Fister ossia **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Gabriel Alin Fister** ġew deċiżi fil-21 ta' Ottubru 2013. Jargumenta li b'hekk għandu jirriżulta li dan ix-xhud kien ko-akkużat u li għaldaqstant ma kienx ammissibbli sad-data ta' meta ġie sentenzjat. L-akkużat jitlob l-isfilz ta' kull stqarrija jew xiehda mogħtija minn Gabriel Alin Fister fil-perjodu meta kien għadu ko-akkużat.

32. Illi fl-atti proċesswali ġiet eżebita l-iStqarrija Ġuramentata mogħtija minn Gabriel Alin Fister quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Silvio Meli (*a fol.* 53 *et seq*.). L-akkużat jitlob li din tiġi sfilzata minħabba dak imsemmi fl-eċċezzjoni in eżami. Mingħajr

[12] "**Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech** mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 – App. Sup."

tlaqliq ta' xejn, din il-Qorti mal-ewwel tinnota li ma taqbilx ma' dak mitlub mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni. F'dan ir-rigward tajjeb jiġi mfakkar li l-akkużat jinsab akkużat b'akkużi relatati ma' droga li huma regolati permezz ta' Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Artikolu 30A ta' dan il-Kapitolu jiddisponi hekk:

> "Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."

33. Illi minkejja li Gabriel Alin Fister seta' kien akkużat, din il-Qorti tinnota li x-xiehda tiegħu ttieħdet mill-Maġistrat Dr. Silvio Meli *ai termini* ta' Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif jirriżulta fit-talba li saret mill-iSpettur tal-Pulizija lill-Maġistrat (*a fol.* 59). Għaldaqstant fuq din ix-xiehda japplika Artikolu 30A hawn fuq imsemmi. L-istess jgħodd għax-xiehda mogħtija mill-imsemmi Gabriel Alin Fister quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-segwenti seduti: fit-3 ta' Novembru 2009 (*a fol.* 363 *et seq.*), fil-11 ta' Diċembru 2009 (*a fol.* 381 *et seq.*) u fl-10 ta' Diċembru 2013 (*a fol.* 887 *et seq.*).

34. Illi rigward l-applikazzjoni ta' Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew Farrugia** (Numru 37/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza għal sentenza oħra u fejn ingħad hekk:

65. Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Charles Paul Muscat** deċiża nhar is-6 ta' Lulju 2016:

> Premess dan allura "… bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruħha l-Qorti Ewropea fil-kawża Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu *does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."*
>
> Illi allura din id-dispożizzjoni tal-liġi ħolqot eċċezzjoni biss għar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna għandha tiswa għalih biss u ma tistax tintuża la favur u lanqas kontra l-ko-akkużat. Il-liġi ma toħloq l-ebda eċċezzjoni oħra u allura għas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè: "Meta l-unika xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttivi lill-ġurati biex jiżnu x-xhieda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela

qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."

Issa allura dan ifisser illi *ai termini* ta' l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo għandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront tal-akkużat għalkemm fiż-żmien meta huma offrew id-depożizzjoni tagħhom kienu għadhom jitqiesu bħala ko-akkuzati billi l proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkużat odjern kienu għadhom ma ġewx konklużi. **Li hu ċertu huwa illi sakemm il-każ tagħhom jiġi deċiż dawn iż-żewġ xhieda ma humiex 'a compellable witness' u ċioè ma jistgħux jiġu imġiegħla jagħtu d-depożizzjoni tagħhom billi għandhom id-dritt sanċit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwieġbu għall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminhom. Fil-fatt meta huma offrew id-depożizzjoni tagħhom matul il-kumpilazzjoni għażlu li jużufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux**.""

35. Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni. Għal kull buon fini jingħad li mhux talli Gabriel Alin Fister xehed quddiem il-Maġistrat Dr. Silvio Meli fejn irrilaxxa Stqarrija Ġuramentata, talli meta xehed fl-10 ta' Diċembru 2013 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (*a fol.* 887 *et seq.*) sarlu wkoll il-kontro-eżami. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, il-ħames eċċezzjoni tal-akkużat qed tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**Is-Sitt Eċċezzjoni**

36. Illi fis-sitt eċċezzjoni l-akkużat jagħmel riferenza għax-xiehda ta' Rachyd Clement Antrim Curiel li xehed f'dawn il-proċeduri. Huwa jisħaq li għandu jirriżulta li anke dan ix-xhud kien ko-akkużat ukoll u li l-proċeduri fil-konfront tiegħu ġew deċiżi fl-24 ta' Novembru 2010. Jitlob l-isfilz ta' kull stqarrija jew xiehda mogħtija mix-xhud imsemmi waqt il-perjodu meta kien ko-akkużat sad-data meta ġie sentenzjat.

37. Illi fl-atti proċesswali ġiet eżebita l-iStqarrija Ġuramentata mogħtija minn Rachyd Clement Antrim Curiel quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Miriam Hayman (*a fol.* 294 *et seq.*). Bħal fil-każ tal-ħames eċċezzjoni fejn din il-Qorti għamlet riferenza għall-iStqarrija Ġuramentata ta' Gabriel Alin Fister hekk kif mogħtija minnu quddiem il-Maġistrat Dr. Silvio Meli, anke fir-rigward tal-iStqarrija Ġuramentata ta' Rachyd Clement Antrim Curiel jirriżulta li anke din ingħatat *ai termini* ta' Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif jirriżulta fit-talba li saret mill-iSpettur tal-Pulizija lill-Maġistrat (*a fol.* 296). Jingħad ukoll li l-imsemmi Rachyd Clement Antrim Curiel xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-seduti tal-15 ta' April 2010 (*a fol.* 463 *et seq.*) u tat-3 ta' Diċembru 2010 (*a fol.* 580 *et seq.*).

38. Illi a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet li saru minnha fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni u tapplikahom fir-rigward tas-sitt eċċezzjoni peress li l-konsiderazzjonijiet hemm magħmula japplikaw *mutatis mutandi* għall-eċċezzjoni in eżami. Bħala konsegwenza ta' dan, anke s-sitt eċċezzjoni tal-akkużat qed tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

39. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat.

40. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**